Il-Pulptu tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi

Joseph Magro

Waħda mill-opri li jolqtulek l-għajn meta tagħmel titwilha fil-knisja tal-Qrendi hija l-istruttura tal-pulptu. Il-pulptu fil-knejjes insara kellu sa mill-bidu nett post prominenti. Qabel, l-użu tiegħu kien aktar importanti għaliex ħafna mit-talb, il-qari u l-prietki, li llum qed isiru minn fuq l-ambone, kienu jsiru minn fuqu. Wara l-Konċilju Vatican II, il-pulptu ma tantx baqa' jintuża, u l-użu tiegħu ġie ristrett għall-paniġierki li jsiru f'nhar il-festi.

Il-pulptu tal-Qrendi sar bejn is-sena 1738 u l-1739, fi żmien il-kappillan Dun Giacomo Bertis (1719-1755).[1] Ħadmu l-mastrudaxxa Mastru Giovanni Mamo mis-Siġġiewi,[2] meta kien għad kellu 21 sena biss. Aktar tard, bejn l-1743 u l-1744, l-istess mastrudaxxa ħadem pulptu ieħor għall-parroċċa tal-Gudja għas-somma ta' 100 skud u 12-il tarì.[3] Giovanni kien l-aħħar wild tal-familja Ġiuseppe u Madalena Mamo née Buttigieg liema żwieġ kien sar fil-21 ta' Jannar 1703.[4] Minn dan iż-żwieġ Ġiuseppe u Madalena kellhom erba' wlied li ngħataw dawn l-ismijiet fil-magħmudija: Anna, Maria, Catarina (12 ta' Lulju 1704);[5] *'creatura nata abortiva'* (10 ta' Ġunju 1706);[6] Nicolaus, Arcanġelus (13 ta' Settembru 1711)[7] li miet fl-età ta' tliet snin, fis-27 ta' Settembru 1714;[8] u fl-aħħar, il-mastrudaxxa tagħna bl-ismijiet Joannes, Albinus, Franciscus (10 ta' Ottubru 1715).[9]

Dan il-pulptu huwa maħdum mill-injam tal-aħmar flok mill-injam tal-ġewż, liema injam kien meqjus aktar sinjur[10] u allura kien aktar imfittex fil-manifattura ta' dawn l-opri. Dan seta' sar biex jonqsu l-ispejjeż, wara l-ispiża enormi li kienu daħlu għaliha l-Qrendin biex bnew

Giovanni Mamo, Pulpit, 1738-39, Injam tal-aħmar, 421x165x107 (maqtugħ mill-art 248), Parroċċa Santa Marija, Qrendi

It-taraġ imfassal ġol-pilastru li jagħti għall-pulptu. Dan jintlaħaq minn mal-ġenb tal-bieb laterali fil-kappellun tar-Rużarju.

il-knisja maestuża li għadna ngawdu sal-lum. Skont ma jidher fil-kotba tal-amministrazzjoni, *Libri Conti della Veneranda Lampada*, il-ħlas sar f'seba' pagamenti differenti mill-prokuratur Dun Gio. Paolo Haxac: 25 skud u 6 tarì fis-7 ta' April 1738,[11] 46 skud u 6 tarì f'Awwissu 1738, 23 skud u 2 tarì fis-17 ta' Novembru 1738, 10 skudi fit-2 ta' Mejju 1739, żewġ pagamenti ta' 5 skudi l-wieħed fis-27 ta' Settembru 1739 u l-aħħar pagament ta' 5 skudi u 2 tarì mat-tlestija tax-xogħol. Dan l-aħħar pagament mhux idatat u sar mir-renti tal-qbiela ta' Habel Chibir imqabbel għand Gio. Maria Schembri.[12] Sfortunatament, imkien ma tidher is-somma globali kemm sewa l-pulptu. Jekk wieħed jaċċetta li dawn kienu l-ħlasijiet kollha, allura wieħed jasal għal konklużjoni li l-ispiża kompleta kienet laħqet is-somma ta' 120 skud u 4 tarì, li għal dak iż-żmien kienet somma kbira mhux ħażin.

Meta kien lest il-pulptu tpoġġa mal-pilastru maġġur fin-naħa msejħa tal-Evanġelju (*Gospel Side*). Waħda mill-invenzjonijiet fil-knejjes imfassla mill-arkitett Lorenzo Gafà kienet it-tħaxxin tal-pilastri ta' taħt il-koppla bl-inklużjoni ta' ċanfrin (*splay*) bejn il-pilastri biex isaħħaħhom u għalhekk ikunu jifilħu għat-toqol tal-koppla.[13] Dan ippermetta li għall-ewwel darba l-pulptu jitqiegħed f'din il-pożizzjoni u mhux bħalma kien isir qabel, direttament fil-korsija. Minn din il-pożizzjoni, il-predikatur kien jidher u jinstema' ħafna aħjar mill-miġemgħa li kienet tattendi biex tisma' l-prietki u l-paniġierki. Il-pulptu titla' għalih minn taraġ imfassal ġol-istess pilastru.

Kemm bħala materjal u kemm fil-pożizzjoni

tiegħu, dan il-pulptu, bħal maġġoranza ta' pulpti oħrajn isegwi l-linji gwida stabbiliti mill-Kardinal San Carlo Borromeo, isqof ta' Milan u promutur tal-Konċilju ta' Trentu, fil-pubblikazzjoni tiegħu *Instructiones Fabricae et Supellectilis Ecclesiasticae, 1577*. Din il-pubblikazzjoni tagħti struzzjonijiet dettaljati dwar it-twaqqif u t-tagħmir tal-knejjes post-tridentini. Il-pulptu hu mqassam fi tliet partijiet: il-gallarija tal-pulptu, id-dahar li jinkludi l-entratura u ċ-ċelu. Minbarra l-iskop ta' dekorazzjoni, l-istruttura taċ-ċelu kellha l-funzjoni li sservi ta' amplifikatur tal-vuċi fi żmien meta l-mezzi elettroniċi ta' amplifikazzjoni ma kinux jeżistu.

Il-pożizzjoni fejn kienet imwaħħla l-iskrizzjoni BEATI QUI AUDIUNT VERBUM DEI ET CUSTODIUNT ILLUD

Ritratt meħud fl-1928 f'għeluq il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes fil-Qrendi, fejn il-kelma BEATI għadha leġibbli.

Il-kontorn tal-gallarija tal-pulpu hi ta' skorfina, b'ħames faċċati sporġuti 'l barra mill-pilastru u tlieta oħra li jakkompanjaw l-istess pilastru. Differenti minn pulpti oħra tal-istess stil, il-gallarija mhux qed isserraħ fuq saljatura, iżda fuq il-pedestall li minn fuqu jibda l-imsemmi pilastru. Il-ħames faċċati huma mżejna b'panewijiet bil-gwarniċi, filwaqt li l-arma tal-Arċisqof Paolo Alphéran de Bussan (1728-1757), li fi żmienu sar il-pulptu, tidher prominent fuq il-faċċata prinċipali. Il-ħames faċċati huma akkumpanjati b'par pilastri stil Tuscan u fuq kollox hemm entablatura li sservi ta' poġġaman. Ġol-gallarija hemm magħqad biċ-ċappetti fuq naħa waħda biex ikun jista' jitla' u jinżel. Dan kien jintuża bħala banketta għall-predikatur meta l-prietki kienu jtawlu.

Il-magħqad ġol-gallerija li kien jintuża bħala banketta għall-predikatur.

L-arma tal-Arċisqof Paolo Alphéran de Bussan (1728-1757), li żżejjen il-faċċata tal-gallarija tal-pulptu

Id-dahar bħalma diġà semmejt jinkludi bieba li tagħti aċċess għall-pulptu. Anke din il-bieba hija mżejna b'panewijiet bil-gwarniċi u hija mdawra b'arkitrav li jispiċċa b'fontispizju trijangulari. Par pilastri ta' stil Kompost, iddekorati b'mazzettuni tal-weraq tar-rand, qed jakkompanjaw id-dahar fuq kull naħa. Dawn il-pilastri minbarra li qed jagħtu dehra isbaħ lill-istruttura, qegħdin iservu biex fuqhom jistrieħ iċ-ċelu.

Iċ-ċelu jġib l-istess kontorn tal-gallarija tal-pulptu. Il-figura tal-Ispirtu s-Santu f'forma ta' ħamiema bil-ġwienaħ miftuħa fuq raġġiera żżejjen is-saqaf ta' dan iċ-ċelu. Din tirrappreżenta l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li tagħmel ħajja u attiva l-Kelma ta' Alla li titħabbar fil-liturġija. L-istruttura taċ-ċelu, fil-forma ta' entablatura, biex tikkompanja l-pilastri ta' taħtha, għandha fuqha struttura li tixbah kuruna magħluqa mogħnija bi sfera b'salib fuqha. Madwar iċ-ċelu eżattament fil-freġju ta' entablatura kien hemm imwaħħla skrizzjoni bil-Latin '*BEATI QUI AUDIUNT VERBUM DEI ET CUSTODIUNT ILLUD*', li bil-Malti tfisser IMBERKIN DAWK LI JISIMGĦU L-KELMA T'ALLA U JĦARSUHA. (Luqa 11, 28). Din l-iskrizzjoni kienet tneħħiet matul iż-żminijiet, x'aktarx fis-sebgħinijiet. Fil-fatt, ritratt antik tal-knisja li jġib id-data 1928, u li fih jidher il-pulptu, għadek tista' taqra parti minnha.

Fi żmien il-kappillan Dun Pietro Paulo Xuereb (1869-1882), preċiżament fl-1876, il-pulptu kien ġie rinovat.[1] Dan ġie indurat mill-induratur Antonio Gauci għas-somma ta' 60 skud, filwaqt li l-ġild li jiksi l-puġġaman inxtara għal prezz ta' 3 skudi mingħand Emmanuel Decelis. F'dan iż-żmien ukoll, sar is-salib tal-injam b'kurċifiss tal-kartapesta li hemm fuq il-gallarija tal-pulptu, xogħol tal-iskultur Carlo Darmanin mill-Isla għall-prezz ta' 16-il skud u 3 tarì.

Għalkemm dan il-pulptu hu xi ftit nieqes mid-dekorazzjonijiet skulturali, il-linji arkitettoniċi u l-proporzjonijiet tiegħu jagħmluh jidher eleganti u pjaċevoli. Fl-istess ħin juru l-ħila u s-sengħa tal-masturdaxxa Giovanni Mamo. Fl-aħħar u mhux l-inqas turi l-ħeġġa kbira li kellhom missirijietna biex iżejnu l-maqdes tagħhom b'opri tant sbieħ li għadna ngawduhom sal-lum. Għaldaqstant, għandna d-dmir li nikkonservawhom għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Referenzi

1 Rajmond Ellul u Luigi Galea, *Il-Parroċċa tal-Qrendi f'Għeluq it-350 Sena*, 6.
2 AAM, Conti 18, no. 17, f. 41.
3 AAM, AC 104, ff. 102v-r.
4 PA (Siġġiewi), Libro 147, Liber secundus Matrimoniorum ab anno 1671 usque ad annum 1723, f. 143v.
5 Ibid,, Libro 138, Liber secundus Baptizatorum ab anno 1671 usque ad annum 1714, f. 160r.
6 Ibid., Libro 154, Liber secundus Defunctorum ab anno 1671 usque ad annum 1727, f. 280.
7 Ibid,, Libro 138, Liber secundus Baptizatorum ab anno 1671 usque ad annum 1714, f. 178v.
8 Ibid., Libro 154, Liber secundus Defunctorum ab anno 1671 usque ad annum 1727, p. 310.
9 Ibid,, Libro 139, Liber tertius Baptizatorum ab anno 1715 usque ad annum 1780, f. 5r.
10 Giovanni Bonello, 'For a history of furniture in Malta during the time of the Knights', in John Manduca, ed., *Antique furniture in Malta*, 27.
11 AAM, Conti 18, no. 17, f. 41.
12 AAM, Conti 18, no. 20, ff. 36-39.
13 Joseph Spiteri, 'The Career and Achievement of Lorenzo Gafà (1639-1703)', University of Malta M.A. thesis (2013), 39-40.
14 Anthony Bezzina, "Mill-arkivji...Restawr tal-kappelluni fil-knisja parrokkjali', in Deborah Mifsud, ed., *Soċjetà Mużikali Lourdes, Qrendi, Festa 2013*, 113.